ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 56/07**

IL-ĠIMGĦA 2 TA' SETTEMBRU 2016 fil-5:00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *SKUŻAT* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *SKUŻAT* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | *IRTIRAT FI 18:30PM* |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji - *Inkluż Skeda ta' Pagamenti 42/07*
4. Rapport mill-Kunsillieri
5. Ħwejjeġ Oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Il-Minuti tal-Laqgħa nru. 55/07 tas-27 ta' Lulju 2016 fis-18:00pm, ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

2. **Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)**

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, għadna l-istess. Żied jgħid li qed nistennew l-avukat tagħna jkellem lill-Kuntrattur u jistaqsih jaċettax li nissetiljaw billi nħallsu dak effettivament dovut nieqes il-pendenzi. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

ii. Is-Sindku rigward il-vandaliżmu li kien sar fuq il-gazebo, qal li wara li għaddejna l-filmat lill-pulizija u ġibna stima tal-ħsara tal-bieb, issa ġejna nfurmati li l-Ispettur bgħat għal 3 persuni u ser iressaqhom, infurmana wkoll li dawn aċċettaw li jħallsu l-ispejjeż. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sa' dak il-ħin tal-laqgħa ħadd minn dawk msejħa ma ġie biex ikellimn a hekk kif kien infurmana l-Ispettur. Vandaliżmu

ii.i Il-Kunsillier Frans Agius qal li importanti li hemm barra jrid jidher li aħna ħadna azzjoni.

ii.ii Sadanittant kompla s-Sindku li dawn iż-żgħażagħ qed jidħlu saħansitra gol ground.

iii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox *status quo*. Is-Sindku qal li sadanittant hu tkellem anke mal-Ministeru u qabad id-dokumenti tas-sentenza biex jaraw naqra l-affarijiet u qalulu li mhux suppost li appell idum iktar minn 3 snin biex jiġi appuntat. Ser nerġgħu nikkuntattjaw l-avukat. Turf tal-ground 5 aside

iv. Rigward xi pendenzi fuq *traffic management* f'Ħal Tarxien, is-Sindku qal li kellu laqgħat mat-TM fejn tkellem fuq dawn il-pendenzi u ser isir meeting fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali biex nitkellmu magħhom. Traffic Managment – Triq Kurunel Mas

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt li kien qiegħed l-Awtorita' tal-Ippjanar fuq xi materji oħra, iċċekkja ma' xi persuni responsabbli dwar DNO fuq l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass peress li għadna kif konna u għadna qed nistennew. Kompla s-Sindku li jidher li ma kinetx għadha ġiet ippreżentata mill-Perit Mintoff. Ġnien Kurunell Mass

vi. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li għaddejna d-dettalji lill-Avukat tal-Kunsill tal-persuna li kien kellu l-inċident fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra. Inċident monument – Avukat UNTOURS

vii. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Sindku spjega li għadna qed nistennew mill-Planning Authority biex naraw x'ġara minn dan il-COMPLIANCE CERTIFICATE u żied jgħid li f'dan il-każ kien ukoll iċċekkja u sab li l-pjanti approvati kienu antiki u ma jirriflettux kif inhu l-proġett llum. Jidher li l-Perit ta' dak iż żmien, il-Perit Dieter Falzon ma kienx applika għal amended application. Meter Ġnien Ovindoli

viii. Rigward il-proposta ta' Bye Law sabiex l-Kunsill ikun jista' jiġbor flus miġbura mill-attivitajiet u jkunu jidhru fil-kotba tal-Kunsill biex b'hekk ikun hemm aktar kontroll, ktibna lid-Dipartiment Gvern Lokali sabiex id-DLG jidderiġina kif għandna nipproċedu u bgħatulna checklist. Din ser tkun diskussa flimkien mal-Avukat tal-Kunsill minħabba xi proċeduri legali. BYE Law ġbir ta' flus minn attivitajiet

ix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li meta l-voluntiera tal-Għaqda Kultura u Armar Marija Annunzjata kienu qed jarmaw l-armar tal-festa fi Triq is-Sorijiet bl-iscaffolding taw daqqa fuq il-bozza *central hanging* fejn ir-residenza nru. 149 fi triq s-Sorijiet u kissru l-fanal. Intalbet stima tal-ispejjeż lill-Kuntrattur tal-Kunsill u dan qalilna li din tkun trid Ħsara waqt l-armar għall-festa mill-Għaqda Kulura u Armar Marija Annuznajta

tinbidel kollha u l-istima approssimattiva hija ta' €875.00 għax tkun trid issir bozza mill-ġdid.

ix.i Is-Sindku staqsa lil min kien rraporta jekk f'każ ta' bżonn kienx lest li jitla' jixhed iżda dan qallu li hu ma xtaqx jitla' il-Qorti. Għaldaqstant ġie deċiż unanimament li din il-bozza tibqa kif inhi u ma tinbidelx.

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fuq Triq San Franġisk kien inbeda u hu kien reġa kiteb u kien talab li tiżdied biċċa oħra. Xogħol mit-TM fi Triq San Franġisk

xi. Is-Sindku Paul Farrugia dwar ix-xogħlijiet fi Triq Palma, informa lill-Kunsill li sakemm kien imsiefer ċemplulu ħafna drabi. Jidher li kien hemm xi naqra diżgwid. Żied jgħid li meta wasal lura, mar *on site* il-Ħadd wara nofsinhar, fejn iltaqa' mal-Konsulent tal-Ministru. Is-Sindku qal li skond ma qallu l-Konsulent, suppost lanqas biss jitkellem miegħu għaliex l-Ex Sindku Joseph Abela kien mgħarraf bil-proġett u kien aċċetta l-proġett kif kien propost. Xogħlijiet minn TM fi Triq Palma

xii. Is-Sindku Paul Farrugia kellu l-pjanta u spjega lill-Kunsill fuqha. Kompla wkoll li fin-nofs kif maqbul ser issir roundabout bi pedestall u arblu li dan ix-xogħol ser isir mill-kuntrattur. Fir-rigward tal-bus shelter, is-Sindku spjega li dan ser isir iktar il-fuq u ser isir fuq barra tal-parking biex b'hekk il-parking eżistenti li hemm ser jibqa' fejn hu. L-asfalt ser jingħata sa Triq B'bugia k/m Triq Santa Marija u dan grazzi għal qbil li wasal hu personali ma TM u l-Ministeru. Żied jgħid is-Sindku li fejn il-mużew ser isir traffic management ġdid.

xiii. Rigward il-laqgħa mal-kumpanija GREEN MT ippjanata għal nhar l-10 t'Awwissu 2016 minħabba talba tal-Iskola St Thomas Moore sabiex isiru xi bins fl-inhawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll bins tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola, din kellha tiġi posposta. Laqgħa GREEN MT - Bins

xiv. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li dwar l-ħaddiema taħt l-COMMUNITY WORK SCHEME li b'kollox assenjati magħna għandna 8 kif ukoll dwar l-iffirmar tal-Memorandum of Understanding li fost oħrajn hemm klawżola li l-Kunsill Lokali jrid jħallas lil kull ħaddiem performance bonus ta' €300 fis-sena għadna ma rċevejniex linji gwida mingħand id-Dipt. Gvern Lokali Community Work Scheme

xv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt il-żjara tiegħu ġewwa Ovindoli kellu diversi laqgħat fejn fost oħrajn ġie propost li nfasslu proġett ta' skambi bejn gruppi varji. Qal ukoll li waqt laqgħa tal-Kunsill ta' Ovindoli reggħu rijattivaw il-ġemellaġ. Ġemellaġġ ma' Ovindoli

xvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali li t-tfajla li kienet qed titlob biex tippreżenta lilha nnifisha bħala l-kandidata f'isem r-Raħal ta' Ħal Tarxien għal Ms Malta bgħatet ittra fejn din is-sinjorina spjegat x'relazzjoni għandha ma' Ħal Tarxien . Għaldaqstant din is-Sna ġiet approvata mill-Kunsill. Miss Malta Contest

xvii. Rigward il-proposta minn SKOLASAJF sabiex issir xi attivita' mit-tfal flimkien mal-Kunsill Lokali, Is-Sindku spjega li din l-attivita' saret u kif propost saret żjara fit-tempji u wara sar tħawwil ta' pjanti fi Ġnien Veliko Turnovo. Is-Sindku żied jgħid li għal din l-attivita' ħadem ħafna l-Kunsillier Frans Agius. Skolasajf

xviii. Is-Sindku staqsa lill-Kunsill jekk jiftakrux li xi ħadd kien talab għal żvilupp ta' bini fi Triq l-Assedju Kbir u l-Kunsill kien oġġezzjona. Dan qed staqsih għall-fatt li mar ikelmu xi ħadd fejn qallu li l-MEPA dak iż-żmien kienet tagħtu permess għall-iżvilupp pero li l-Kunsill Lokali kien oġġezzjona. Żvilupp ta' bini fi Triq l-Assedju Kbir

Ġie ssuġġeriet li niktbu lill-Planning Authority biex jagħtina kopja tal-oggezzjoni tagħna u dan dejjem jekk teżisti.

xix. CIRKOLARI DLG 8/2016 – LIBRERIJI . Ktibna lill-librara tal-Kunsill u qed nistennew il-lista ta' kotba li hemm bżonn għall-librerija mingħandha. CIRKOLARI DLG 8/2016 – LIBRERIJI

xx. CIRKOLARI DLG 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016 - Saret it-talba għas-salib ta' Triq Tempji Neolitiċi k/m Triq Sta Marija. CIRKOLARI 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016

xxi. Is-Seg. Eżek. qalet li d-Dipt kien bgħatilna checklist tal-proċedura għall-GEMELLAGG. Mal-lokalita ta' LULA fl-Italja. Din ser jieħdu ħsiebha is-Sindku Paul Farrugia flimkien mas-Seg. Eżek. Proċedura – Gemellaġġ LULA

xxii. Rigward l-ittri li s-Seg. Kumitat tal-Festa, is-Sur Joshua Mercieca kien ippreżenta bl-idejn is-Sindku qal li kien ċempillu l-persuna li jieħu ħsieb Dar Nazareth u qallu li hu qatt ma talabna flus. Is-Sindku spjegalu li mhux hu kien qal hekk imma l-Kappillan kien qal hekk lill-Viċi Sindku tal-Kunsill Keith Darmanin meta dan ta' l-aħħar kien mar staqsih dwar l-użu tas-Sala ta' Dar Nazareth. Is-Sindku qal li spjegalu wkoll li hemm ippjanat li ssir laqgħa bejn iż-żewġ partijiet sabiex jiġu kklerifikati xi affarijiet li nqalgħu. Sadanittant il-Kunsill iddeċieda li din il-laqgħa ssir nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru 2016 fi 19:00pm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Ittri Kumitat tal-Festa.

*Il-Kunsilliera Doris Vella irtirat fi 6:30pm*

xxiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien qassam bl-idejn r-risposta għall-ittra li kienet wasslet mingħand is-Seg. Is-Sur Peter Agius tal-Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina. Risposta għall-Ittra Seg Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina

xxv. Rigward il-proposti fejn jistgħu jiġu nstallati EV CHARGING POINTS, Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsillier Luke Genuis li waħda minnhom u eżattament dik ta' Misraħ Raħeb ser tiġi nkorporata fil-proġett ta' Triq Palma. EVS Chargin Points

xxvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bilanċ fuq il-UIF issa qiegħed €17,767.91 UIF

xxvii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li saret it-talba lid-Dipt. Gvern Lokali sabiex il-Kunsill ikun jista' jimpjega żewġ persuni fuq Skala 16 bħala Asst. Skrivani u d-Dipt. Gvern Lokali laqa' tali talba, issa kienu saru l-INTERVIEWS bejn l-erbgħa TRAINEES li l-Kunsill għandu attwalment miegħu. Dan għaliex skond il-Collective Agreement is-sejħa l-ewwel darba trid tkun interna ġol Kunsill stess. Sadanittant minn dawn intgħażlu tnejn. Il-Kunsill Lokali b'mod unanimu approva dawn iż-żewġ ħatriet għall-impjieg full time bħala Assistenti Skrivani fuq skala 16. Approvazzjoni żewġ ħatriet għall-impjieg full time bħala Assistenti Skrivani fuq skala 16.

xxix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-*Board* dwar it-talbiet għall-rifużjoni fuq ħsara fit-tyres kien iltaqa u kien qed iressaq dawn il-proposti għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. Dawn id-deċiżjonijiet tressqu kollha quddiem il-Kunsill Lokali li min-naħa tiegħu approva eżattament hekk kif propost fuq kull każ mill-*Board.* Bord tat-Tyres

xxix.i Sadanittant is-Sindku żied jgħid li kien qed jipproponi u dan hekk kif kien ġie wkoll deċiż waqt il-laqgħa tal-istess Board, li ssir ittra lit-Trasport Malta fejn fiha nispjegaw li għall-fatt li Triq Ħal Luqa fil-parti ta' Ħal Tarxien, din iddeterjorat ħafna qed nitolbu li tiġi asfaltata min naħa tagħhom. Triq Ħal Luqa

xxix.ii Saret diskussjoni dwar dan u ssemma' l-fatt li din suppost issa taqa' taħt ir-responsabbilta' tat-TM minħabba l-istat li waslet fiha u dan minħabba t-traffiku qawwi li qed jgħaddi minnha kull ħin u ta' kuljum. Ninkludu wkoll f'din l-ittra li l-Kunsill minn issa l-quddiem mhux ser jaċċetta iktar talbiet għal rifużjoni.

**3. Affarijiet Finanzjarji**

- **Skeda ta' Pagamenti**

Ġiet imressqa Skeda ta' Pagamenti Nru. 42/07 għall-fatturi ta' Awwissu 2016. Din ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**4. Rapport tal-Kunsilliera**

i. Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat iżjed minnhom.

**5. Ħwejjeġ Oħra**

i. Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**6. Għeluq tal-laqgħa**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 7:00pm.

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar it-Tnejn 26 ta' Settembru 2016 fis-6:00PM

**Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**